Avviż Numru CCT 567/09

**Carmen Camilleri u Sister Tereża Camilleri u John Camilleri**

**vs**

**Boris Arcidiacono Ltd.**

Illum 27 t'April, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-27 ta' Novembru, 2009 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' elf, seba' mija u disgħin ewro (€1,790), u ħamsin ewro (€50) oħra spejjeż tat-trasport, rappreżentanti pultruna 'Stressless Tampa' li nxtrat mingħand id-ditta intimata u li wara ftit indunaw illi l-materjal kien qed jitlef il-kulur tiegħu, u kif ukoll l-i*stool* ma bdietx iddur, u b'hekk qed titlob pultruna ġdida.

Is-soċjeta' intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' intimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi kienet xtrat pultruna mingħand id-ditta intimata u kienet qegħda tkun iebsa biex iddur.

Is-soċjeta' intimata biddlet ir-rota tal-i*stool* u dik il-problema ssolviet. Pero' kien baqa' l-kwistjoni li l-materjal beda jitlef il-kulur.

Fuq naħa waħda r-rikorrenti bdiet tinsisti illi l-pultruna kienet '*shop soiled*' u li kienet diġa ntużat, u għalhekk ġara li ġara.

Min-naħa l-oħra, l-intimat issottometta li l-pultruna kienet ġdida fjamanta u li ġara kienet bl-użu tagħha u li dak kien xi tip ta' ħmieġ.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

It-Tribunal, jinnota li meta saret il-konsenja, r-rikorrenti ffirmat illi kienet tajba u li ma kien hemm l-ebda indikazzjoni ta' telf ta' kulur meta ġiet ikkonsenjata, u dan ġara biss ġimgħat wara li ħadu l-konsenja.

It-Tribunal, huwa konvint illi t-telf ta' kulur mhuwiex telf ta' kulur, iżda l-materjal tal-pultruna tħammeġ b'xi ħaġa. It-Tribunal jinnota wkoll illi l-pultruna għandha l-funzjonijiet kollha jaħdmu.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, stante li mhux konvint illi l-materjal tilef il-kulur tiegħu, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**